# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sezzjoni tal-Kummerċ)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, 19 ta' Lulju, 2018

**Rik. Nru. 1022/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1022/18 fl-ismijiet:

Suzanne **MIFSUD**

vs

**CITYPRO LIMITED (C – 26902)** u Edgar Mifsud

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex ma tħallix lill-intimati "milli jneħħu lir-rikorrenti minn Direttur tas-soċjeta` intimata CityPro Limited u kif ukoll milli jirreġistraw kwalsiasi dokument li permezz tiegħu titneħħa r-rikorrenti minn Direttur tas-soċjeta` intimata CityPro Limited jew jingħata avviż tat-tneħħija tar-rikorrenti minn

Direttur tas-soċjeta` intimata inkluż dokument tat-tip ‘Form K’ mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u anke iżomm l-intimati milli jwettqu kwalunkwe att ta’ rappreżentanza jew ġestjoni tal-kumpannija CityPro Limited mingħajr il-parteċipazzjoni sħiħa tar-rikorrenti bħala direttur tas-soċjeta` intimata”;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Ġunju, 2018, li bih laqgħet it-talba b’mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ordnat in-notifika lill-intimati b’għaxart ijiem żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-12 ta’ Lulju, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-5 ta’ Lulju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qanqlu l-kwestjoni tas-siwi tan-notifika, ladarba kienet ir-rikorrenti nnifisha li laqgħet in-notifika f’isem il-kumpannija intimata. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi li bihom tista’ tintlaqa’ minn din il-Qorti t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. B’mod partikolari, jgħidu li r-rikorrenti diġa` ressqet żewġ talbiet għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni qabel dan tallum flimkien ma’ proċeduri għal stralċ tal-kumpannija intimata u li wkoll intemmu b’eżitu kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta’ Lulju, 2018;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Lulju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti trid li żżomm lill-intimati milli jneħħuha minn direttur fil-kumpannija intimata (minn issa ’l hemm imsejħa “CPL”) jew li jirreġistraw it-tneħħija tagħha minn dik il-kariga mal-awtoritajiet kompetenti. Trid ukoll li ma jsir xejn fil-kumpannija jekk mhux bis-sehem sħiħ tagħha bħala direttriċi ta’ CPL;

Tqis li CPL hija kumpannija reġistrata f’Malta bħala kumpannija privata b’responsabbilta` limitata sa minn Settembru tal-2000[1], bis-sede tagħha f’fond fi Triq il-Merkanti, Valletta. Ir-rikorrenti u l-intimat żewġha huma l-azzjonisti

[1] Dok “A” f’paġġ. 8 – 10 tal-atti

waħdanin ta' CPL, bir-rikorrenti tkun titolari ta' għaxar (10) ishma filwaqt li l-intimat iżomm id-disa' mija u disgħin (990) sehem l-ieħor. L-intimat u r-rikorrenti kienu d-diretturi ta' CPL, filwaqt li r-rikorrenti kienet is-segretarja tal-istess kumpannija[2];

Tqis li bejn ir-rikorrenti u l-intimat nqalgħu problemi fiż-żwieġ tagħhom u llum jgħixu għal rashom;

Tqis li, bi provvediment mogħti fil-31 ta' Mejju, 2018[3], u għar-raġunijiet hemm imfissra, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet talba magħmula mir-rikorrenti f'Lulju tal-2014 (Rik. Nru. 583/14JZM) għax-xoljiment ta' CPL;

Tqis li b'avviż tal-5 ta' Ġunju, 2018[4], l-intimat sejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja ta' CPL għall-20 ta' Ġunju, 2018, li matulha, fost ħwejjeġ oħra, kellha titneħħa r-rikorrenti mill-kariga ta' direttur tal-kumpannija;

Tqis li fl-14 ta' Ġunju, 2018[5], ir-rikorrenti talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat biex iżżommu milli jneħħiha minn direttur ta' CPL u dik il-Qorti laqgħet it-talba b'mod provviżorju b'degriet ta' dakinhar stess[6], għalkemm jidher li l-intimat għadu ma laqax in-notifika tal-atti tal-Mandat;

Tqis li fl-20 ta' Ġunju, 2018, l-intimat mar fil-post li fih kellha tinżamm il-laqgħa ġenerali straordinarja (li kien indirizz ta' uffiċċju legali u mhux l-uffiċċju reġistrat ta' CPL) u, wara li r-rikorrenti naqset li tidher, il-laqgħa tmexxiet mill-intimat waħdu li, fost ħwejjeġ oħra, ivvota biex ir-rikorrenti titneħħa minn direttur ta' CPL, u bagħat jgħarraf lir-rikorrenti b'dan[7];

Tqis li, minkejja li kienet saret taf x'ġara, ir-rikorrenti għaddiet biex tressaq it-talba tagħha tallum;

Tqis b'mod ġenerali, li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[8];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-

[2] Dok "B", f'paġġ. 11 sa 21 tal-atti
[3] Dok "B", f'paġġ. 83 sa 101 tal-atti
[4] Dok "Ċ", f'paġ. 22 tal-atti
[5] Dok "D", f'paġġ. 24 – 6 tal-atti
[6] Dok "E", f'paġ. 27 tal-atti
[7] Dok "F", f'paġġ. 28 – 9 tal-atti
[8] Art. 873(1) tal-Kap 12

jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[9]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[10];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[11]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħda tibża' l-parti rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrenti jidher li għandha fil-waqt li ħarġet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, lil hinn mill-kwestjoni tas-siwi tan-notifika (li issa ntgħelbet ladarba l-intimati ressqu t-Tweġiba tagħhom) jixraq li l-Qorti tindirizza qabel kull ħaġ'oħra l-aspett tal-ħtieġa tal-ħruġ ta' dan il-Mandat. Kif ingħad, il-liġi titlob li l-parti rikorrenti trid turi b'mod tajjeb lil din il-Qorti li l-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub huwa meħtieġ biex jitħares il-jedd;

Tqis li, dwar l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, tali rekwiżit jonqos fid-dawl ta' talba li r-rikorrenti għamlet fl-14 ta' Ġunju, 2018, fl-atti ta' Mandat ta'

---

[9] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[10] Art. 875(3) tal-Kap 12
[11] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Inibizzjoni ieħor[13] sewwasew biex l-intimat ma jneħħihiex minn direttur ta' CPL. Dik it-talba ntlaqgħet mill-Qorti b'mod provviżorju dakinhar stess li tressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat u d-degriet ma jgħidx li kellu jtul għal xi żmien partikolari. Fil-fehma tal-Qorti, is-saħħa ta' dak id-degriet provviżorju teżisti minkejja li, sallum, l-intimat għadu ma laqax formalment in-notifika tal-atti, għalkemm ma hemmx dubju li l-istess intimat jaf bih għaliex isemmih fit-Tweġiba li tressqet mill-intimati f'din il-proċedura tallum. Ir-rikorrenti kienet taf b'dan kollu wkoll u għalhekk, ladarba għadha ma irrinunzjatx għall-att ta' dak il-Mandat, is-siwi u l-effetti tad-degriet provviżorju għadhom fis-seħħ sallum. Il-Qorti hija tal-fehma li b'riħet dak id-degriet provviżorju, dak li sar wara d-data tal-għoti tiegħu ma jiswiex safejn imur kontra tali provvediment. Għalhekk, ladarba t-talba ewlenija f'dak il-proċediment hija talba biex l-intimat ma jneħħix lir-rikorrenti minn direttur ta' CPL, ma hemm l-ebda ħtieġa li l-Qorti toħroġ il-Mandat tallum li jitlob l-istess ħaġa;

Tqis li huwa magħruf li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tgħib jekk kemm-il darba r-rimedju lill-parti li titlob il-ħruġ tiegħu jista' jinkiseb imqar bil-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju ieħor. F'dan il-każ, mhux biss ir-rikorrenti nqdiet bl-imsemmi rimedju, imma jidher li ngħata provvediment fejjiedi li ħares u ikkonserva l-qagħda skond kif talbet hi;

Tqis ukoll li jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma temminx li t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li għamlet fl-14 ta' Ġunju, 2018 hija biżżejjed, aktar u aktar joħroġ li l-Mandat mitlub minnha f'din il-proċedura tallum mhijiex meħtieġ. Dan qiegħed jingħad għaliex it-talba tallum saret jumejn wara li nżammet il-laqgħa u "tneħħiet" minn direttur, u l-konsegwenzi tat-talbiet l-oħrajn li għamlet għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ftit li xejn jifdlilhom siwi jekk kemm-il darba t-"tneħħija" tar-rikorrenti minn direttur ta' CPL laħqet seħħet waqt il-laqgħa ġenerali straordinarja msemmija;

Tqis li huwa aċċettat li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' jekk kemm-il darba l-ħaġa li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf tkun fil-fatt diġa` saret jew ġrat. Dan għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[14]. F'każ bħal dan, jibqa' bla mittiefes kull jedd għat-teħid ta' kull rimedju ieħor xieraq li jista' jintalab biex jagħmel tajjeb għal xi ħsara li r-rikorrenti tkun ġarrbet;

Tqis għalhekk li ma ntweriex li teżisti l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

[13] Rik. Inib. 977/18MH (li jinsab imħolli għan-notifika tal-intimat għat-3 ta' Settembru, 2018)
[14] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

Tqis li, ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma huwiex meħtieġ li tgħaddi biex tistħarreġ ukoll jekk jeżistux l-elementi l-oħrajn mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, **bl-ispejjeż** kontra tagħha, billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi għall-ħruġ tiegħu.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 19 ta' Lulju, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**